

31979D0542

14.6.1979

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 146/15

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-21 ta' Diċembru 1976****li tfassal lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' annimali ta' l-ifrat, ħnieżer u laħam frisk**

(79/542/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 fuq saħħa u problemi ta' spezzjoni veterinarja fuq l-importazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat, ħnieżer u laħam frisk minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 77/98/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 (1) dwar dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi s-sistema mniżżla fid-Direttiva 72/462/KEE hi bbażata fuq it-twaqqif ta' lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi mil-liema l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' annimali ta' l-ifrat, ħnieżer u laħam frisk ta' annimali ta' l-ifrat, ħnieżer, nġhaġ, mogħoż u solipedi domestiċi, jew ta' wieħed jew aktar minn dawk il-kategoriji ta' annimali jew kategoriji ta' laħam frisk;

Billi sabiex jiġi deċiż fir-rigward ta' kemm l-annimali u tal-laħam frisk jekk pajjiż jew parti minn kull pajjiż jista' jiġi nkluż fil-lista, akkont partikolari jittieħed tal-kriterja stabbilita fl-Artikolu 3 (2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq;

Billi l-pajjiżi elenkati fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni li tradizzjonalment ifornu lill-Istati Membri jistgħu jiġu kkunsidrati li jissodisfaw din il-kriterja;

Billi madankollu, din il-lista hija mfassla bla ħsara għal emendi bħal dawn jew żdidiet bħalma jstgħu jsiru b'mod li jikkonformaw mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 72/462/KEE; billi jista' jkun meħtieġ fid-dawl ta' aktar

informazzjoni li jillimitaw jew ikabbru l-awtorizzazzjonijiet għal importazzjonijiet ta' ċertu kategoriji ta' annimali u laħam frisk; billi, jista' ukoll ikun meħtieġ f'ċerti każijiet fir-rigward ta' kemm l-annimali u ta' laħam frisk li jkun speċifiku tal-partijiet ta' pajjiżi minn fejn importazzjonijiet se jkunu awtorizzati;

Billi, minkejja l-lista ta' pajjiżi terzi tiffirma waħda mill-bażijiet ta' l-arranġamenti tal-Komunità applikabbli għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi stabbiliti fid-Direttiva 72/462/KEE miżuri oħra, partikolarment li jikkonċernaw l-iġjene u spezzjoni veterinarja, se jkollhom jittieħdu sabiex jiġi mfisser l-arranġament; billi, b'konsegwenza, huwa importanti li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni kordinata ta' kull miżura bħal din,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 72/462/KEE u b'mod partikolari kull miżura li tkun tista' tittieħed taħt il-proċedura li hemm ipprovdut għaliha fl-Artikolu 29, u bla ħsara għal kull emenda jew addizzjoni magħmula lill-elenku fl-Anness għal din id-Deċiżjoni taħt il-proċedura li hemm ipprovdut għaliha fl-Artikolu 30, b'mod partikolari għall-iskop li jillimita jew ikabbar l-awtorizzazzjonijiet għal importazzjonijiet ta' ċertu kategoriji ta' annimali u laħam frisk, jew biex jispeċifika, kemm għall-annimali u għal-laħam frisk, il-partijiet ta' pajjiżi mil-liema importazzjonijiet se jkunu awtorizzati, l-Istati Membri se jawtorizzaw l-importazzjoni ta' annimali u laħam frisk skond il-lista msemmija.

⁽¹⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, pġ. 28.⁽²⁾ ĠU L 26, tal-31.1.1977, pġ. 81.

Artikolu 2

Il-lista li tinstab fl-Anness se tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, fl-istess ħin bħal emendi u addizzjonijiet li għalihom saret referenza f'Artikolu 1 hawn fuq.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, Regolamenti u l-provvedimenti amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni li għaliha saret referenza fl-Artikolu 2 hawn fuq u minnufih jinformat lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, il-21 ta' Diċembru 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

A.P.L.M.M. van der STEE

ANNEX

Pajjiż	Laħam Frisk				Animali ħajjin
	Ifrat	Ħnieżer	Ngħaġ	Żwiemel etc	
Albanija		X	X	X	
Arġentina	X		X	X	X
Awstralja	X	X	X	X	X
Austria	X	X	X	X	X
Botswana	X		X	X	
Brażil	X		X	X	
Bulgarija	X	X	X	X	X
Kanada	X	X	X	X	X
Repubblika Popolari taċ- Ċina		X		X	
Kolumbja	X			X	
Kosta Rika	X			X	
Kuba	X			X	
Ċekoslovakja	X	X	X	X	X
El Salvador	X		X	X	
Finlandja	X	X	X	X	X
Ġreċja				X	
Gwatemala	X			X	
Honduras	X			X	
Ungerija	X	X	X	X	X
Islanda	X	X	X	X	X
Iżrael				X	
Madagaskar	X		X	X	
Malta	X	X		X	X
Messiku	X			X	
Marokk				X	
Nikaragwa	X			X	
Norveġja	X	X	X	X	X
New Zealand	X	X	X	X	X
Panama	X			X	
Paragwaj	X		X	X	
Polonja	X	X	X	X	X
Portugall				X	
Rumanija	X	X	X	X	X
Afrika t'Isfel	X	X	X	X	
Spanja				X	
Sważiland	X			X	
Svezja	X	X	X	X	X
Svizzera	X	X	X	X	X
Turkija				X	
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	X	X	X	X	X
USSR	X	X	X	X	X
Urugwaj	X		X	X	
Jugoslavja	X	X	X	X	X
GDR	X	X	X	X	X